MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 328/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. J.J. Fenech)**
**Vs**

**Ritianne Lauria**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 t'Ottubru, 2006,
1. ingurjat, ghajjret u heddet lil Clinton John Saliba w
2. ghamlet uzu minn stazzjon, apparat, jew accessorji ohra provvduti minn service provider tat-telekomunikazzjoni ghal ghanijiet barra minn dak li huwa provdut.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Settembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 339(e) u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja ta' l-ewwel akkuza w

qeghdet lill-appellanti taht garanzija ta’ mitt lira Maltin (LM100) ghal sena, b’obbligazzjoni li ma timolestax lill-kwerelant, u dan “in lieu of punishment” filwaqt li lliberatha mit-tieni akkuza dedotta kontra taghha.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-2 t’Ottubru, 2007, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha, waqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu dina sabet lill-appellanti mhux hatja tal-akkuza migjuba kontriha ai termini tas-subartikolu 35(1)(d) tal-Kap. 399, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn dina sabitha hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha, w konsegwentement tilliberaha mill-imputazzjonijiet dedotti kontriha, minn kull piena w htija, kif ukoll mill-garanzija ta’ mitt lira Maltin (LM100) komminata kontriha ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap. IX.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni eccepiet in linea preliminari n-nullita' tal-appell stante li ma ntalbitx ir-riforma tas-sentenza appellata pre-ordinatament ghat-talba kif ghandha tigi riformata l-istess sentenza w dan bi ksur ta' dak li jiddisponi *ad validitatem* l-art. 419 (1)( c ) tal-Kodici Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni dwar din il-pregudizzjali;

Ikkonsidrat;

Illi l-appellanti kienet akkuzata b' zewg reati w cioe' b' ingurji, theddid u tghajjir kontra Clinton John Saliba w li ghamlet uzu minn stazzjon, apparat, jew accessorji ohra provduti minn *service provider* tat-telekomunikazzjoni ghal ghanijiet barra minn dak li huwa provvdut Hi nstabet hatja tal-ewwel imputazzjoni izda ma nstabitx hatja tat-tieni imputazzjoni.

B' dana kollu fl-ahhar paragrafu tar-rikors taghha l-appellanti talbet testwalment hekk :-

*"li din l-Onorabbli Qorti joghogobha, waqt li tikkonferma s-sentenza ….in kwantu dina sabet lill-esponenti mhux hatja tal-akkuza migjuba kontriha ai termini tas-subartikolu 35(1) (d) tal-Kap.399, illi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn din sabitha hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha u konsegwentement tilliberaha mill-imputazzjonijiet dedotti kontriha , minn kull piena u htija , kif ukoll mill-garanzija ta' mitt lira Maltin (LM100) komminata kontriha ai ermini tal-arikolu 383 tal-Kap.IX."*

Ikkonsidrat ;

Li hemm lista formidabbli ta’ decizjonijiet ta’ din il-Qorti diversament preseduta fejn dejjem giet dikjarata n-nullita’ tal-appell - liema nullita’ hija anki **sollevabbli “ex officio**” - ghaliex dejjem gie ritenut li , meta talba kellha tkun dik ta’ riforma jew varjazzjoni tas-sentenza , izda, minnflok tintalab ir-revoka taghha, dan igib bhala konsegwenza li ma jkunx gie osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali , b’mod ghalhekk li l-istess rikors tal-appell ikun null . (App. Krim. **Pul. vs. Mario Camilleri** –[3.12.2001]; **Il-Pulizija vs. Joe Borg** [21.7.1995] u ohrajn ).

Illi din il-Qorti diversament preseduta dahlet *funditus* f’din il-kwistjoni fl-appell kriminali “**Il-Pulizija vs. Joseph Galea** [ 30.6.1995]) Per V. De Gaetano J. fejn gie ritenut li :-

*“minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita’ ta’ appell, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :-*

*(a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1) , cioe’ li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir **jew** ghat-tibdil tas-sentenza , giet “very strictly and rigidly interpreted” - (“**The Police vs. John Hill”**, Criminal Appeal, [23.9.1972]*

*(b) ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghal tibdil , fil-prassi ta’ din il-Qorti dejjem gie accettat , fil-kazijiet li hekk jippermettu , li jkun hemm kemm talba*

*ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil , PURCHE' LI DIN IT-TALBA TKUN SUBORDINATA GHALL-EWWEL WAHDA (emfasi ta' din il-Qorti). In fatti ,anki jekk jintalab biss it-thassir , din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza , per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant .* ***Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet , gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir , ir-rikors ikun null.*** *" (emfasi ta' din il-Qorti), (**Pul.vs. Anthony Zammit** , [1.10.60], Vol. XLIV , iv. p.940;* ***Pul. vs. Richard Vincenti Kind*** *, App. Krim. [16.9.72];* ***Pul. vs. Carmelo Agius*** *, App. Krim. 14.10.1972).*

Illi sentenzi ohra li minnhom kienu jemergu dawn il-principji huma *: "**La Polizia vs. Ernesto Laiviera**", [18.10.1930] ; Vol. XXVII , iv. P.829; "***La Polizia vs **Carmelo Carabott et**." [8.11.1933], Vol. XXVIII, iv. P.205; **Pulizija vs. Francis Saviour Zammit Cutajar** , App.Krim. [23.1.1971]; **Pulizija vs. Carmelo Farrugia et.** App. Krim. [11.11.1976] ; **Pulizija vs. Carmelo sive Lino Scicluna** , App. Krim.[ 1.9.1977]; **Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri et** ,[ 26.4.1985]**; Pulizija vs. Anthony Zammit** [1.10.1960] Vol. XLIV , iv. P.940 **; Pulizija vs. Richard Vincenti Kind ,** App. Krim. [16.9.1972] ; **Pulizija vs. Carmelo Agius** App. Krim. [14.10.1972]; **Pulizija vs. Emmanuel Bonnici** , App. Krim. [5.10.1990]; **Pulizija vs. Joseph Desira** [18.3.1972] **; Pulizija vs. Crusifix Buttigieg** , [18.3.1972]; u **Pulizija vs. John Vella Chritien** App. Krim. [6. 5. 1972] u **Il-Pulizija vs. Jesmond Farrugia** [13.2.2001].

Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata , ghandha tintalab ir-revoka **JEW** ir-riforma w fil-fatt hekk tghid il-ligi fl-artikolu fuq citat .

Ghalhekk fil-kaz in ezami ladarba l-appellanti ma kienetx giet misjuba hatja tal-akkuzi kollha dedotti kontra taghha imma biss tal-ewwel imputazzjoni w ma nstabitx hatja w

giet liberata mit-tieni imputazzjoni, **hi kellha fl-ewwel lok titlob ir-riforma tas-sentenza appellata** qabel ma tghaddi biex tghid kif kellha ssir dir-riforma w cioe' bil-konferma ta' parti mis-sentenza w bir-revoka ta' parti ohra, kif ghamlet fir-rikors in dizamina. (ara f' dan is-sens : App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Bonello"** [6.12.2007] u ohrajn.)

Ghal dawn l-motivi u fid-dawl ta’ din l-interpretazzjoni tal-pozizzjoni guridika moghtija minn din il-Qorti kemm diversament preseduta kif ukoll kif issa preseduta, din il-Qorti tilqa’ l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali w tiddikjara l-appell irritwali w null u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------